MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Talba Numru. 51/2006

**Talba Nru: 51/06VGD**

Aluserv Limited (C 16207)

Vs

Isabel Tapp

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm252.78c) rapprezentanti xoghol u twahhil ta' aluminium fil-post

indikat mill-konvenuta fuq struzzjonijiet taghha stess, li minkejja li giet interpellata diversi drabi, naqqset li thallas l-ammont dovut, bl-ispejjes ta' din il-kawza, u bl-imghax mid-data tal-fattura kontra l-konvenuta li hija nguna ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-verbal tat-18 ta' April 2007 fejn l-attur talab li ssir riduzzjoni fit-talba kif kontenuta fl-avviz billi l-ammont mitlub jigi ridott minn LM252.78c ghal Lm252.28c.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm252.28c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------